MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-7 ta' April, 2014

Avviz Numru. 53/2012

Middlesea **Insurance plc (C 5553) u George Zammit (ID 145250M)**

**vs**

**Leo Stivala**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ippresentat fid 9 ta’ Frar 2012 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamlu referenza ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fis 26 ta’ Marzu 2009, talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta’ erbat elef, sitt mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€4,649.21) sofferti mir-rikorrent George Zammit u mhallsa mis-socjeta rikorrenti Middlesea Insurance plc lill-istess George Zammit, assikurat taghha, rizultat ta’ incident illi sehh minhabba f’tort, negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-trafiku da’ parte ta’ l-intimat.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat ippresentat fit 28 ta’ Frar 2012 fejn laqa’ ghal dak lilu addebitat billi sahaq illi l-incident kien rizultat ta’ accident jew forza magguri, kif pprovdut mill-Artikolu 1029 tal-Kap 16 u ghalhekk ghandu jbaghtiha r-rikorrenti. Apparti minn hekk, l-intimat sahaq ukoll illi il-quantum mitlub huwa wiehed esagerat u ma hijiex dovuta.

Semghet ix-xhieda tal-**Gwardjan Lokali G147 Ronnie Azzopardi** moghtija fit 22 ta’ Ottubru 2012 illi kien il-gwardjan illi nvestiga l-kaz u ir-rapport minnu redatt dakinhar ta’ l-incident.

Semghet ix-xhieda ta’ **George Zammit**, rikorrent u sid il-propjeta Casa Zammit, Triq Santa Katerina, Attard, illi fiha il-vettura misjuq mill-intimat Leo Stivala, ossija TFC270, baqghet diehla, illi xehed fit 22 ta’ Ottubru 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Olivia Darmanin**, Claims Executive tas-socjeta Middlesa Insurance plc, illi xehdet fit 22 ta' Ottubru 2012 u d-dokumenti minnha esebiti, partikolarment is-Surveryors Report .

Semghet ix-xhieda ta' **Cecilia Zammit**, mart George Zammit, moghtija fit 22 ta' Ottubru 2012.

Rat illi, fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2013, l-intimat iddikjara illi ma kienx qieghed jikkontesta l-quantum tad-danni in vista tad-dokumenti esebiti.

Rat illi fil 15 ta' Marzu 2013 ir-rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Leo Stivala** moghtija fl-24 ta' Frar 2014.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Frar 2014 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensur tar-rikorrenti moghtija fl-24 ta' Frar 2014 u is-sottomissjonjiet bil-miktub illi saru mill-intimat fis 26 ta' Marzu 2014.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fis 26 ta' Marzu 2009, ghal habta ta' nofsinhar, f'gurnata b'kundizzjonijiet klimatici tajbin fejn ma kienetx xita u ghalhekk it-triq kienu nexfin, l-intimat Leo Stivala kien qieghed isuq vann tad-ditta GO plc gej minn Attard u sejjer fid-direzzjoni tal-Mosta minn hdejn iz-zona maghrufa bhala Tal-Mirakli.

Huwa u ghaddej mit-triq, wara li qabad ir-roundabout, il-vann li kien qieghed isuq, TFC270, f'daqqa wahda beda, kif jghid l-intimat stess "*jiwwobilja naqra*" u tilef il-kontrol tieghu bir-rizultat illi baqa diehel fil-bankina u fil-parapett tar-rikorrenti George Zammit. Hekk kif eventwalment hareg mill-vettura, Stivala stqarr illi huwa ra ma' l-art roqgha tad-diesel u kkonkluda illi kien tilef il-kontroll minhabba f'hekk. Il-presenza tad-diesel ma' l-art giet anke kkonfermata kemm mir-rikorrent George Zammit kif ukoll mill-Warden G147 illi kien irrapporta l-incident, li sahaq li vverifika u kkonferma li kien diesel u sejjah lill tas-Civil Protection sabiex jitfghu it-trab mal-art.

**Ikkunsidrat**

Tenut kont tal-provi kif prodotti, l-intimat qajjem id-difiza illi l-incident ma sehhx tort tieghu izda “b’accident jew b’forza magguri” kif tipprovdi l-Artikolu 1029 tal-Kap 16, dovut ghal fatt illi kien hemm diesel ma’ l-art illi ma kienx rah.

Fil-gurisprudenza nostrana, huwa fatt stabbilit illi ‘skid’ huwa fattur newtrali u la jfisser htija u lanqas in-nuqqas tieghu, u dana kif stabbilit f’diversi sentenzi, fosthom il-kawza **George Spiteri vs Paul Cassar et** deciza mill-Prim Awla fit-30 ta’ Gunju, 1993. Huwa ben stabbilit ukoll fil-kawza kriminali **Pulizija vs Alfred Attard** (Vol XLVII .IV.1195) illi:

*“skid wehidha mhijiex la prova ta’ negligenza u lanqas skriminanti. Trid issir indagini jekk kienx hemm negligenza anticedenti jew kon-komitanti. Jekk din tirrizulta, allura hemm responsabbilita’ non ostante l-iskid, jekk le l-iskid ikun imputabbli ghal inevitable accident”.*

F’kawza ohra, din id-darba fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kevin Caruana** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-3 ta’ April, 2003 il-Qorti qalet:

*“ghaldaqstant biex tirnexxi d-difiza ta’ skid, jehtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-iskid dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-iskidd saret bla ebda negligenza tieghu u li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu sewwieq prudenti meta l-art tkun tizloq. Meta sewwieq jipprova mhux biss il-fatt ta’ skid bhala tali imma jipprova wkoll li l- skid saret bla ebda htija tieghu izda accidentalment b’mod li l-vettura bla htija tieghu u accidentalment saret inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabbilta’ kriminali”.*

Kif sewwa irrilevat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza ‘**Josef Farrugia vs Thomas Tanti**’ deciza fis 7 ta’ Lulju 1994:

*Minkejja li l-kawza fuq imsemmija (Il-Pulizija vs Kevin Caruana) titratta responsabbilta’ kriminali, l-argumenti huma simili hafna ghal responsabbilita’ civili. Fil-fatt f’kawza deciza minn din il- Qorti fl-20 ta’ Ottubru, 1992 fl-ismijiet **Hugh P Zammit noe vs Hector Carter** din il-Qorti qalet: “huwa ben saput li skid tista’ sservi ta’ difiza jekk dina tkun subentaneja u mhux self inflicted, bhal per ezempju roqgha zejt f’nofs karreggjata fit-triq altrimenti nadifa, izda f’cirkostanzi fejn dina tista’ tkun probabbli tenut kont il-kondizzjoni tat-triq, allura ma tibqax aktar difiza legittima jekk ma jigix pruvat li s-sewwieq uza d-diligenza kollha biex jevita’ l-iskid”.*

Fil-kawza “**Galea Debono noe vs Abela**”, deciza mil-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ April, 2003, intqal is-segwenti:

*Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut, jappilja kemm jappilja mac- cirkostanza mprevedibbli, ma ghandux jigi suffragat mill-iskuzanti legali dettata mill-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili li tiskuza lil min jikkaguna hsara li tigri b'accident jew b'forza maggura;*

*Dan ghaliex, kif akkolt minn gurisprudenza, "il-kaz fortuwitu, il-forza magguri u l-istat ta' necessita` ma jehilsux mir-responsabilita` tad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni." ("**Caterina Bezzina - vs- Giorgio Grech et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju 1938; "**Elmo Insurance Services Ltd -vs- P.C. 537 Joseph Micallef et**", Appell, 5 ta' Ottubru 2001);*

*Kif gja rimarkat supra ghall-Qorti jezistu ndizji cari hafna illi kienet l-velocita` eccessiva tal-konvenut il-fattur kontributur li gaghlitu jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu. Ir- responsabilita` hi determinata, anke f'dan il-kaz, minn dan il-fattur provokanti l-incident.*

**Ikkunsidrat**

Fil-kawza odjerna, huwa ben stabbilit illi kien hemm id-diesel ma’ l-art, liema diesel seta kien ir-raguni ghaliex il-vettura misjuqa mill-intimat bdiet “tiwwobilja naqra” kif sahaq l-intimat.

Madanakollu, kif ben stabbilew is-sentenzi fuq msemmija, l-fatt li kien hemm cirkostanza imprevedibbli bhalma kienet dik tad-diesel fit-triq, wahedha ma hijiex sufficjenti izda l-intimat irid juri wkoll illi huwa kien qieghed jagixxi b’mod illi ma aggravax is-sitwazzjoni li fiha huwa kien instab.

Mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, l-intimat jistqarr illi ma jafx b’kemm kien ghaddej velocita izda jikkontendi illi kien ghaddej bi speed normali. X’inhuwa speed normali, naturalment, huwa relattiv u ma jista qatt jigi stabbilit b’certezza. Madanakollu, wiehed jista jasal ghal indikazzjoni dwar il-velocita’ tal-vettura bil-hsarat illi tali vettura kkawzat, kemm fuqha stess kif ukoll fuq il-propjeta illi fiha spiccat dahhlet.

Harsa lejn ir-ritratt esebit mill-Gwardjan illi investiga il-kaz, a fol 48 tal-process, juri bl-aktar mod evidenti illi l-hsara kkwazata minn tali incident kien hsarat ingenti, tant illi parapett shih mibni bil-gebel tfarrak kollu u l-vettura soffriet hsarat ingenti fil-faccata taghha.

Tali hsarat juru bl-aktar mod car illi l-intimat, a kuntrarju ta’ dak illi stqarr mal-Qorti, ma kienx ghaddej b’velocita normali fil post fejn sehh l-incident, izda kien qieghed isuq b’velocita aktar milli suppost, anke tenut kont tal-fatt illi fil-post fejn allegatament tilef il-kontroll tal-vettura, huwa kien qieghed idur ma’ roundabout u, ftit metri qabel, hemm ‘stop sign’ illi, kieku l-intimat osserva, certament kien inaqqas il-velocita tieghu b’mod illi certament, anke kieku tilef il-kontroll tal-vettura, l-hsarat ma kienux ikunu daqstant gravi.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza ‘Galea Debono vs Abela’, anke kieku din il-Qorti tasal biex tikkoncedi illi l-kawza immedjata u prossima ta' l-incident kien id-diesel ma’ l-art, “*xorta wahda ma jistax ikun hemm dubju li l- konvenut ikkontribwixxa mhux ftit ghall-event dannuz.*”

Dwar id-danni, kif jirrizulta mill-verbal li sar fit 18 ta' Jannar 2013, l-kwantum tad-danni ma giex ikkontestat u ghalhekk il-Qorti tista tistrieh fuq it-talba fir-rikors promotur.

**Ghal dawn il-motivi**

Taqta u tiddeciedi l-kawza billi,

**Tichad** l-eccezzjonjiet kollha tal-konvenut u

**Tilqa** t-talba attrici u, filwaqt illi

**Tiddikjara** lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi sehh fis 26 ta' Marzu 2009 gewwa Triq Santa Katarina, Attard waqt illi kien qieghd isuq il-vettura TFC270

**Tillikwida** d-danni kkawzati mill-incident fuq imsemmi fis-somma ta' erbat elef, sitt mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€4,649.21) u

**Tikkundanna** lill-istess intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti Middlesea Insurance plc is-somma ta' erbat elef, sitt mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€4,649.21).

Spejjez kollha kif mitluba mir-rikorrenti fir-rikors promotur ikunu kollha a kariku ta' l-intimat u bl-imghax mid-data tal-ppresentata tar-rikors promotur sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------